# 8. Dħul ir-Rebbiegħa 1967

Il-jum tal-wieħed u għoxrin ta’ Marzu,
dħul ir-rebbiegħa, festa tal-imħabba!
l-għasafar qalb il-għana jibnu l-bejta,
il-ward bid-dabra ġewwa l-ġnien jittabba’.

Jiena xtaqt li ngħanni, bħall-għasfur fis-siġra,
għanjiet l-imħabba kollha ġmiel u dija;
’mma kelli nidher, liebes toga sewda,
ta’ firda fuq kuntratt f’sala dellija;

U dawk li darba tħabbu rajt iberrqu
u l-firda jiffirmaw b’sens ta’ ħelsien;
sew dak il-ħin l-għasafar fir-rewwieħa
għannew għanjiet il-bejta t-tnejn flimkien;

U flok għannejt l-imħabba qisni tirda
għannejt b’għafsa ta’ qalb għanjiet il-firda!

12/3/1967